MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Talba Numru. 632/2006

**Mobisle Communications Ltd**

**Vs**

**Moira Gauci**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Lulju, 2006 fejn intalab illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannatha thallas is-somma ta’ mitejn u tmienja u tmenin lira (Lm288.00) rapprezentanti ammont li ghadu dovut in konnessjoni ma’ client contract number 10069.55 in konnessjoni ma’ servizzi rezi ghax-xhur ta’ bejn Ottubru, 2005 u Frar, 2006.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm debitament notifikata baqghet ma pprezentat ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ivan Gatt ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma kif mitluba ta’ mitejn u tmienja u tmenin lira (Lm288.00) lis-socjeta` attrici bl-imghaxijiet legali dekoribbli mis-26 ta’ Mejju, 2006 u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------